MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2005

Rikors Numru. 17/2005/1

Francis Zammit Cutajar
ID. Numru 408824(M)

vs

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrent Francis Zammit Cutajar ipprezentat fil-21 ta' Gunju, 2005 fejn espona:

Illi b'dikjarazzjoni pubblika fil-Gazzetta tal-Gvern fil-harga tal-15 ta' Ottubru, 1985 giet esproprjata mill-poter tar-rikorrenti bicca art - li tinkludi kamra - tal-kejl ta' erba' mija u wiehed u tletin metru kwadru (431m$^2$), li tmiss min Nofs-in-Nhar, mill-Lbic u mill-Grigal ma' proprjeta' tad-Ditta F.X. Zammit Cutajar Limited

Illi wara l-istess dikjarazzjoni pubblika fil-Gazzetta tal-Gvern, l-intimat ha pussess ta' l-istess art ghall-iskopijiet tieghu.

Illi b'Avviz ghall-Ftehim datat 13 ta' Frar 2003 (Dok "A" hawn anness), l-intimat kien baghat jinforma lill-esponenti li l-kumpens li l-Awtorita' kompetenti kienet lesta biex thallsu ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art f'Birkirkara tal-kejl ta' madwar 431 metri kwadri, li kienet tinkludi kamra rurali, li tmiss min-Nofs-in-Nhar, mill-Lbic u mill-Grigal ma' proprjeta' ta' Messrs. F.X. Zammit Cutajar Limited, kien ta' sitta u ghoxrin elf u seba' mitt Liri Maltin (Lm26,700) kif jidher mir-rapport tal-Perit Carmen V. Sutton, A&C.E. tal-20 ta' Jannar 2003, li kopja tieghu giet notifikata mill-intimat lill-esponenti mad-Dok "A" hawn anness.

Illi l-esponenti accetta l-kumpens offrut lilu billi ma opponiex ghall-valur li waslet ghalih l-imsemmija perit Carmen V Sutton, appuntata mill-istess intimat sabiex taghti stima tal-valur ta' l-istess proprjeta'.

Illi nonostante li issa ghaddew kwazi ghoxrin (20) sena mid-data minn meta l-art giet esproprjata, u izjed minn sentejn minn meta l-esponenti accetta l-kumpens lilu offrut, l-intimat ghadu m'ghaddiex biex jakkwista l-imsemmija proprjeta' permezz ta' att pubbliku, u jhallas lill-esponenti l-ammont lilu offrut bhala kumpens kif fuq inghad ghall-esproprju tal-istess art.

Illi skond il-Ligi l-intimat huwa obbligat li jhallas il-kumpens, u jaghti forza lill-ftehim milhuq fi zmien tliet xhur mid-data li jkun intlahaq ftehim fuq il-kumpens dovut, u dan fil-kaz prezenti ilu li ntlahaq zmien twil.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti jitlob bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jaghti effett lill-ftehim milhuq bejn il-partijiet, u ghal dan l-iskop joghgbu jinnomina nutar pubbliku, u jiffissa data, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-att opportun, jahtar kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-esponenti, salv kull provvediment illi

joghgbu jaghti, u dan kollox a tenur ta' l-artikolu 22(1) tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-esponenti kontra l-intimat, senjatament dik ghad-danni.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta pprezentata mill-Kummissarju ta' l-Artijiet fejn espona:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors fuq citat fejn ir-rikorrent talab lil dana l-Onorabbli Bord joghgbu jaghti effett ghall-ftehim milhuq bejn il-partijiet, jinnomina nutar pubbliku, jiffissa data, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-att opportun, jahtar kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att u jordna l-hlas ta' kumpens dovut lill-esponenti, salv kull provvediment illi joghgbu jaghti;

Illi l-esponent filwaqt illi ha konjizzjoni ta' dan ir-rikors jixtieq jinforma lil dana l-Onorabbli Bord illi l-Gvern qed jittratta l-kazijiet ta' hlas ta' kumpens bl-aktar espedizzjoni possibbli;

Illi ghaldaqstant m'huwiex il-kaz illi l-Gvern ma jridx jersaq ghall-kuntratt u ghaldaqstant it-talba tar-rikorrent hija wahda frivola stante illi l-kuntratt ser jigi ppubblikat mill-aktar fis possibbli.

Ra l-artikolu 22 tal-Kap 188.

Jaghmel l-ordni biex il-ftehim bejn il-partijiet jigi mwettaq billi jahtar lin-Nutar Vincent Miceli biex jippubblika l-att, ghax-xiri assolut bhala libera u franka bicca art f'Birkirkara tal-kejl ta' madwar 431 metri kwadri li kienet tinkludi kamra rurali, li tmiss minn nofs-in-nhar, mill-Lbic u mill-Grigal ma' proprjeta' ta' Messrs. F.X. Zammit Cutajar Limited bil-kumpens ta' Lm26,700, nhar is-16 ta' Jannar, 2006 fil-11:00a.m. fl-ufficcju ta' l-intimat, f'kaz li l-imsemmi nutar ma jkunx jista' jippubblika l-att dan ghandu jigi ppubblikat

minn nutar li jkun qed jaghmilha floku, jahtar lill-avukat Mark Attard Montalto biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci.

L-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------